MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

Il-Ħamis, 14 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-09:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 30.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

30.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti, numri 28 u 29, li kienu meqjusa moqrija.

30.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 30.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

30.2.1 Is-Sindku qal li rigward l-applikazzjoni tal-Milied SPI/6/2021, ser ikollna inwaqqgħu l-mapping ta' fuq il-knisja peress li l-kwotazzjoni ġiet €30,000 li fl-opinjoni tiegħu hija waħda esaġerata. Il-Kunsill qabel unanimament.

30.2.2 Is-Sindku qal li qed jaħdem mal-Kumitat tar-Run li ser ssir f'San Lawrenz nhar il-Ħadd, 21 ta', Novembru. Bħala Kunsill, is-Sindku ippropona li ngħinu bħala amministrazzjoni tal-event u xi spejjeż bħalma huma l-ħlas ta' security services, permessi u barriers. Il-Kunsill qabel unanimament.

30.2.3 Is-Sindku qal li fl-area ta' Pawluzzu, kellu talba sabiex jeħel fanal b'arblu. Il-Kunsill qabel unanimament mat-talba.

30.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-grupp, 'Ideazzjonisti', talab lil BOV għal Sponsorship u qed jistenna risposta lura.

30.2.5 Is-Sindku qal li hu, flimkien mal-viċi Sindku u mal-handyman Vitor Formosa, qed jieħdu ħsieb jagħmlu t-tisqifa għal-van.

30.2.6 Is-SE qalet li l-Kunsill irid jaħtar bord tal-ingaġġ tal-iskema għal xogħol tal-Animal Steward. Il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sur Mario Azzopardi, Max Xuereb u Marcell Tabone.

30.2.7 Is-SE qalet li wara li jkunu wrew interess il-kandidati eliġibbli, irid jinħatar bord tal-ingaġġ ta' handyman taħt l-iskema tal-Community Inclusive Scheme. Il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar l-istess bord tal-Animal Steward; lis-Sur Mario Azzopardi, Max Xuereb u Marcell Tabone.

30.2.8 Is-SE qalet li irċivejna mingħand Suzanne Piscopo rigward il-korsijiet ta' Għaqal id-Dar u Ħajja Aħjar. Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu avviż għal dawn interessati.

30.2.9 Is-SE qalet li l-kuntratt tal-photocopier tal-Kunsill skada, u għalhekk talbet għal-reviżjoni tal-kuntratt u biex l-Kunsill jingħata photocopier ġdida mal-kuntratt. Il-Kunsill qabel unanimament.

30.2.10 Is-SE ressqet il-*Performance Appraisal* tal-ħaddiema tal-Community Workers Scheme; is-Sinjura Sharon Mizzi u Joe Vella. Is-SE tat ir-rakkomandazzjoni tagħha li jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus*. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 30.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

30.3.1 Il-kunsillier Anthony Formosa qal li fi Triq il-Wileġ qed ikun hemm ħafna karrozzi ipparkjati fuq kull naħa b'konsegwenza li jinħoloq periklu. Il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat ittra lit-Transport Malta sabiex jagħtuna soluzzjoni.

30.3.2 Il-kunsillier Anthony Formosa qal li jixtieq jirraporta li l-blokka flatijiet ġdida 'Tal-Midra', qed joħorġu skart goff. Wara diskussjoni sar qbil li dan seta kien skart li inħareġ sabiex jinġabar għall-bulky service.

## 30.4 Tender Magħluqa;

30.4.1 Is-SE qalet għat-'tender for the supply of pots, trees and plants, including planting and maintenance, using environmentally friendly materials and practices', iltaqa' l-bord u kien hemm offerta waħda li hi *financially and technically complaiant* mingħand Xerri Landscaping Co. Ltd għal €23,994.01. Il-Kunsill qabel unanimament mad-deċiżjoni tal-bord.

Is-SE qalet ukoll li għat-tender tal-*street sweeping* irid jinħatar bord. Il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lill-Pauliana Said, Laurence Attard u Mario Azzopardi.

## 30.5 Proġetti Pendenti;

30.5.1 Is-Sindku fakkar li għandna l-proġett tac-chargers tar-roti kif ukoll tal-bankini qrib il-pjazza għadu pendenti. Hu kompla jgħid li hu flimkien mas-SE qed jipprovaw jikkonkludu li hemm bżonn mal-Perit u oħrajn sabiex jinħarġu t-tenders. Is-Sindku kompla jgħid li talab għal pjanta lill-Perit tal-Kunsill pero għadu ma għamilx waħda eżatt bil-proposti li spejgalu.

## 30.6 Applikazzjoni Pendenti;

30.6.1 Is-Sindku qal li għad fadal xi applikazzjonijiet li l-Kunsill għadu ma applikax għalihom fosthom l-applikazzjonijiet tal-Milied li hu u s-SE qed jaħdmu fuqha, u taħt ir-Reġjun t'Għawdex; Ambjent 2021, Kultura f'Għawdex u Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi. Is-Sindku kompla jgħid lil għal-iskema ta' Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi, hu jissuġerixxi li fl-art tal-gvern fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, nagħtu proposta' għal park ta' rekreazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 30.7 Update fuq l-Arloġġ tal-Pjazza;

30.7.1 Is-Sindku ippropona li fil-Pjazza jintużaw il-funds ta' Sebbaħ il-Lokal, li l-Kunsill hu intitolat għall-ammont ta' €50,000, sabiex isir arloġġ stil ta' carillon, saħansitra ikun idoqq b'chime differenti skont l-attivita'. Is-Sindku fakkar li dan il-fondi ma jistax jintuża ħlief għal-

tisbieħ fir-raħal. Is-Sindku qal li peress li ser ikun proġett fil-pjazza, l-aħjar jieħu ħsieb l-istess perit li kien responsabbli mill-pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta.

## 30.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

30.8.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur tad-Dwejra Maritime Centre għal-ftuħ u ż-żamma taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

30.8.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 30.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:30 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir il-Ħamis, 18 ta' Novembru 2021 fit-09:00.

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Sarah Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |